MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 46/2005/1

**Carmelo Vella u Mary Vella**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija; L-Avukat Generali; L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; il-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent; il-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dawn huma zewg appelli wiehed mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali, il-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura u iehor mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Marzu 2010 li biha cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati, iddikjarat li gie vjolat fil-konfront tar-rikorrenti d-dritt fundamentali taghhom a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti ordnat li sakemm tinsab soluzzjoni ta' post alternattiv adegwat ghar-rikorrenti jew li jinghataw kumpens xieraq, is-sentenza tal-Qorti Kriminali ma jkollhiex l-effett imsemmi ta' penali u l-konsegwenzi l-ohra msemmijin fiha u li r-rikorrenti ghalhekk ma jistghux jigu mwaqqfa milli juzaw ir-razzett taghhom. Il-Qorti ma dehrilhiex li kellha tilqa' t-talba tar- rikorrenti ghal kumpens. Spejjez bla taxxa.

Din il-Qorti qed tannetti ma' din is-sentenza kopja tas-sentenza tal-ewwel Qorti ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell u dan peress illi din fiha t-talba fis-shih tar-rikorrenti, ir-risposti tal-intimati, sunt tal-fatti, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-Qorti biex laqghet it-talba tar-rikorrenti. (Annex Dok A).

**Rikors tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

L-Awtorita` appellanti hassitha aggravata bis-sentenza msemmija u interponiet appell minnha bl-uniku aggravju jkun li hija ma kellhiex titqies bhala legittima kontradittrici.
Ghalhekk talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad (*recte*: tilqa') l-eccezzjonijiet taghha waqt li tichad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Rikors tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Avukat Generali, tal-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tal-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura**

L-intimati appellanti l-ohra hassewhom ukoll aggravati bis-sentenza msemmija u interponew appell. L-aggravji taghhom huma essenzjalment li (a) uhud mill-appellanti ma humiex legittimi kontradditturi u (b) li fil-mertu ma gie lez ebda drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja.

Ghalhekk l-appellanti talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti ghal kumpens (liema talba ma tirrizultax mir-rikors promotur), tirrevokaha u thassarha fil-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-appellanti u ddikjarat li sakemm ma tinstabx soluzzjoni ta’ post alternattiv adegwat ghar-rikorrenti, huma ma jistghux jigu mwaqqfa milli juzaw ir-razzett u fejn iddikjarat li jekk ir-rikorrenti jitwaqqfu milli juzaw ir-razzett jinkisru d-drittijiet fundamentali taghhom sakemm ma jigix moghti post alternattiv adegwat, u minflok tilqa’ dan l-appell u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**Risposti tar-rikorrenti appellati**

Ir-rikorrenti appellati pprezentaw zewg risposti kontra l-appellanti li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi, wara li wiegbu li s-sentenza hija wahda gusta, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

L-aggravji u t-talbiet relattivi tal-appellanti gew kollha kontestati mill-appellati fir-risposti msemmija.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni.

Illi r-rikorrenti ilhom ‘il fuq minn hamsa u hamsin sena joperaw razzett fl-Imqabba ghat-trobbija tal-hniezer u

bhejjem ohra li kien licenzjat u kellu l-permessi kollha mehtiega mil-ligi. Matul is-snin sar zvilupp residenzjali fid-dintorni tar-razzett b'mod li dan issa gie f'distanza aktar vicina ghall-abitat kif tirrikjedi l-ligi. Fl-1990, il-Pulizija Ezekuttiva, fuq ilment tal- vicini u wara tad-Dipartiment tas-Sahha, bdiet proceduri kontra r-rikorrent Carmelo Vella. F'Marzu 2000 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati billi ordnat it-tnehhija tal-inkonvenjent fi zmien erba' xhur taht penali ta' Lm2 kulljum u fin-nuqqas, il-Pulizija giet awtorizzata biex tnehhi l-inkonvenjent hija stess a spejjez tar-rikorrenti. Illi, skont ir-rikorrenti, b'dan il-mod u b'rizultat tal-politika edilizja li ghazlet li taddotta l-awtorita` kompetenti huma gew pprivati mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom u ghalhekk qeghdin jigu vjolati jew ser jigu vjolati fil-konfront taghhom id-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

<u>Legittima kontradittrici</u>

Illi l-uniku aggravju li ressqet l-Awtorita` msemmija hu li hija ma kellhiex titqies bhala legittima kontradittrici.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-Awtorita` kienet legittima kontradittrici billi kienet tat diversi permessi ta' bini fil-vicinanzi u li b'hekk gara li r-razzett in kwistjoni gie f'distanza anqas milli suppost skont il-ligi. Inoltre, jekk ikun hemm lok ghall-rilokazzjoni tar-razzett, l-Awtorita` trid tkun involuta.

Fl-aggravju taghha l-Awtorita` qed tissottometti li fl-ebda stadju ma ngiebet prova illi l-binjiet fil-vicinanzi tas-sit *de quo* nbnew (a) bil-permess u (b) bil-permess mahrug minnha. Inoltre ssostni li ghalkemm hi ser tkun involuta f'kaz ta' rilokazzjoni tar-razzett, tali involviment huwa regolat bil-Ligi (Kap. 356) u hu ghal kollox estranju ghat-

talbiet tar-rikorrenti dwar lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, ghalhekk hi ma kellhiex tkun parti fil-kawza. Tkompli li l-passi kriminali li ttiehdu kontra r-rikorrenti ma ttiehdux fuq talba tal-Awtorita` u lanqas a bazi ta' xi ligi jew regolament taht il-Kap. 356. Hi ma tohloqx 'politika edilizja' imma tesegwixxi ligijiet u regolamenti kif ukoll pjanijiet approvati mill-Ezekuttiv jew mill-Parlament.

Ir-rikorrenti l-ewwel nett wiegbu li ghalkemm is-sentenza appellata ma kkundannatx l-Awtorita` appellanti biex tipprovdi rimedju, b'daqshekk ma jfissirx li hi ma hijiex legittima kontradittrici. Inoltre, f'kaz li din il-Qorti ssib li l-appellanti ma hijiex legittima kontradittrici, dan m'ghandux iwassal ghar-revoka tas-sentenza u ghac-cahda tat-tabiet tar-rikorrenti, imma semai li l-Awtorita` ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-legislatur ipprovvda li f'kull kaz fejn wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, ir-rapprezentanza tkun principalment fil-kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f`kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.

Fil-kaz tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar din ma kientix il-legittima kontradittrici billi l-passi li kienu ttiehdu mill-Awtorita` kontra r-rikorrenti kienu dwar estensjoni ta' bini minghajr permess u mhux dwar l-akkuza li r-rikorrenti kienu qed joperaw razzett kontra r-regolamenti sanitarji. Il-fatt li l-Awtorita` tista' tkun involuta fil-proceduri meta jinhargu permessi ghar-rilokazzjoni u forsi anke biex jinstab rimedju ma jfissirx li l-Awtorita` kellha tkun legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni. Fi kwalunkwe kaz pero` f'dan l-istadju jkun inutili li l-Awtorita` tigi estromessa minn dawn il-proceduri. Il-Qorti izda ser tiehu dan in konsiderazzjoni meta tigi biex tipprovvdi dwar l-ispejjez.

**Appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Avukat Generali, tal-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tal-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura**

Rimedji ordinarji

Kwantu ghall-eccezzjoni li kienet inghatat mill-appellanti li l-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni billi r-rikorrenti seta' kellhom rimedji ordinarji ohra, l-appellanti ssottomettew li la darba dan il-poter tal-Qorti huwa diskrezzjonali u l-ewwel Qorti hasset illi m'ghandhiex tapplika l-Artikolu 46(2), allura huma jirrispettaw din id-decizjoni u ghalhekk ma sarx appell minn dik id-decizjoni.

Eccezzjoni legittimu kontradittur

L-appellanti jissottomettu li l-mansjonijiet tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Infrastruttura u l-mansjonijiet tal-Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent illum-il gurnata jaqghu taht ir-responsabbilta` tal-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura u ghalhekk l-eccezzjoni tal-Ministeru Rizorsi u Infrastruttura giet sorvolata. Ghalhekk hu accettat mill-appellanti li bhala legittimu kontradittur f'din il-kawza ghandu jkun il-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura.

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti ghalhekk huwa li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ddikjarat li l-Avukat Generali kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija huma legittimi kontraditturi ghall-proceduri odjerni, barra mill-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura.

Min-naha l-ohra r-rikorrenti appellati jissottomettu li l-lezjoni tad-dritt gie riskontrat fis-sentenza kriminali u fl-ezekuzzjoni taghha ghalhekk l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija huma l-legittimi kontraditturi.

Dwar l-Avukat Generali l-ewwel Qorti ddecidiet li hu l-persuna li hija kompriza fir-rigward tal-allegat lament tar-rikorrent, u jekk jigi ppruvat, hu f'pozizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju, kif ukoll huwa l-persuna li ghandu interess li jkun jaf u jara li l-ligijiet u l-proceduri gudizzjarji jikkonformaw ruhhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Min-naha l-ohra, l-appellanti jsostnu li l-fatt li xi intimati ohra ressqu l-istess eccezzjoni li m'humiex legittimi kontradditturi ma jwassalx necessarjament li l-Avukat Generali allura huwa legittimu kontradittur. Inoltre l-azzjoni setghet tigi indirizzata fil-konfront ta' dipartimenti governattivi u l-Avukat Generali kellu jigi biss notifikat a tenur tal-Artikolu 181(3) tal-Kap. 12 mhux ikun parti fil-kawza.

Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz il-lament tar-rikorrenti jirrigwarda sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkundannathom li jizgumbraw mir-razzett fi zmien erba' xhur taht penali ta' Lm2 kulljum u fin-nuqqas li l-Pulizija giet awtorizzata li tiehu hsieb li tnehhi l-inkonvenjent. Ghalhekk l-Avukat Generali hu parti involuta fil-kaz u ghalhekk ghandu interess li jara' li sentenzi tal-Qorti jigu enforzati li fl-istess hin ma jigux lezi d-drittijiet tal-ebda parti.  Inoltre mill-eccezzjonijiet moghtija mid-diversi intimati jidher li ma kienx daqshekk ovvju li xi dipartiment partikolari kien qed jaccetta r-responsabbilta`.

Kwantu ghall-Kummissarju tal-Pulizija l-appellanti jergghu jsostnu li r-rwol tal-Kummissarju tal-Pulizija kien wiehed relatat ma' ordni pubblika, u li l-proceduri kriminali nbdew mill-Kummissarju tal-Pulizija ghalkemm fuq istanza ta' dipartiment iehor.
L-ewwel Qorti ddecidiet li l-proceduri bdew proprju mill-Kummissarju tal-Pulizija, u ghalkemm huwa veru li hu agixxa fuq istanza ta' Dipartiment iehor, hu agixxa hekk, ghax deherlu l-kaz kien jimmerita li jigi mressaq il-Qorti.

Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti billi kien il-Kummissarju tal-Pulizija li pprosegwixxa u li hu qed jipprova jenforza s-sentenza tal-Qorti. Inoltre hu gie ordnat mill-Qorti li jnehhi l-inkonvenjent jekk ikun il-kaz li r-rikorrenti ma jobdux l-ordni tal-Qorti.

**Tieni aggravju**

It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-mertu tar-rikors. L-appellanti ssottomettew li l-ewwel Qorti naqset milli tezamina l-fatti tal-kaz b'reqqa u ma tatx id-debita

konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet imressqa minnhom. Jghidu li l-analizi li saret mill-Qorti tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-applikazzjoni taghhom ghall-kaz in ezami kienet wahda skoretta.

L-ewwel Qorti ddecidiet li f'dan il-kaz kien hemm esproprjazzjoni *de facto* billi l-ordni ta' zgumbrament moghtija kontra r-rikorrenti twassal biex l-proprjeta` in kwistjoni titlef l-uzu taghha. L-izvilupp li thalla jsir madwar ir-razzett irrenda l-istess razzett bla skop. Fil-fehma taghha r-rikorrenti kellhom dritt kwezit bil-permessi mahruga favurihom u ghalhekk ma ghandhomx jigu zgumbrati qabel ma jinghata lilhom post alternattiv, altrimenti jkun qed jinkiser id-dritt fundamentali taghhom ghall-proprjeta`.

Din il-Qorti se tibda biex tezamina dan l-aggravju, l-ewwel nett fir-rigward tal-allegata lezjoni taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li hu aktar wiesgha mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, imbaghad jekk ikun il-kaz tiddeciedi jekk dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni japplikax ghall-fattispecie in ezami.

<u>Dwar l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>

L-appellanti jissottomettu li f'dan il-kaz ma kienx hemm esproprjazzjoni la *de jure* u lanqas *de facto* u li l-ghemejjel tal-awtoritajiet koncernati semmai kienu jikkostitwixxu kontrol ta' uzu tal-proprjeta` tar-rikorrenti. Isostnu inoltre li dak kollu li sar kien fl-interess tas-sahha pubblika u dan l-interess ghandu jipprevali fuq kwalunkwe interess iehor. L-azzjonijiet taghhom jikkonsegwu ghan legittimu u huma proporzjonati u jzommu bilanc bejn l-interessi tal-partijiet kollha involuti minghajr ma r-rikorrenti jkollhom isofru piz eccessiv u sproporzjonat.

Ir-rikorrenti min-naha l-ohra wiegbu li l-kaz odjern ma jistax jigi klassifikat bhala wiehed ta' kontroll ta' uzu biss. L-intimati stess naqsu li jikkontrollaw l-uzu tal-proprjeta` meta huma hallew lil terzi jibnu r-residenzi taghhom

minkejja li kien hemm ir-razzett fil-vicin b'riskju serju ghas-sahha taghhom. Barra minn hekk l-awtoritajiet stess ma humiex qed jaqblu kif ghandu jigi kontrollat dan l-uzu, tant li d-dipartimenti bejniethom mhux qed jaqblu jekk ir-razzett ghandux jinghalaq jew le.

Ir-rikorrenti jissottometti wkoll li ghalkemm ghadhom joperaw mir-razzett, it-tgawdija tal-possedimenti taghhom hija nieqsa billi hemm it-theddida tal-azzjoni mill-Pulizija kontrihom li se twassal biex huma jkunu kostretti li jghalqu r-razzett u l-proprjeta` ma jkun fadlilha l-ebda skop. Dan se jwassal, skont ir-rikorrenti, ghal ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kemm-il darba ma jinghatawx sit alternativ.

Tikkunsidra illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi hekk:

“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

“Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.”

Dan l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jafferma tliet principji distinti, jigifieri,

Dak kontenut f'paragrafu 1 jenunzja in via generali li kulhadd ghandu jirrispetta d-dritt ta' proprjeta` ta' haddiehor.

F'dan il-paragrafu hemm stabbilit ukoll il-principju li l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti;

Taht il-paragrafu, 2 imbaghad, hemm rikonoxxut lill-Istat il-poter jew id-dritt li jirregola l-uzu tal-beni in konformita` ma' l-interess generali.

Bejn it-tliet principji hemm rapport strett u l-gudikant ghandu jassigura ruhu li l-ahhar tnejn huma applikabbili qabel ma jippronunzja ruhu fuq l-okkorrenza tal-ewwel. It-tieni u t-tielet principji jassumu riljev billi in tema ta' vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjeta`, ghandhom jigu interpretati fid-dawl tal-ewwel principju (**Litgow and Others v. U.K.** (1987)).

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti jillamentaw li d-dritt taghhom ta' proprjeta` gie mxekkel b'rizultat ta' zviluppi fid-dintorni tar-razzett li thallew isiru minghajr ma l-awtoritajiet koncernati insistew fuq id-distanzi li tirrikjedi l-ligi bejn l-irziezet u z-zoni abitati. Ir-rikorrenti kienu gew ikkundannati b'sentenza tal-Qorti Kriminali li ordnat l-izgumbrament taghhom mir-razzett fi zmien erba' xhur taht penali ta' Lm2 kulljum fin-nuqqas u dan wara li kienu gew akkuzati u nstabu hatja li zammew razzett kontra r-regolamenti sanitarji. Ir-rikorrenti jsostnu li huma dejjem kellhom permessi biex joperaw ir-razzett u ma kienu kisru ebda ligi.
L-appellanti invece jikkontendu li mhux korrett dak li jsostnu r-rikorrenti li r-razzett taghhom kellu l-permessi kollha. Huma jghidu li r-rikorrenti la ghazlu li japplikaw ghal licenzji sanitarji u lanqas ghal permess ta' zvilupp ma' l-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar ghall-estensjoni tar-razzett. Isostnu li l-fatt li r-razzett huwa anqas minn 183 metru minn post abitat u inbena qabel l-1991 ifisser li ghandu bzonn licenzji sanitarji wkoll. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jargumentaw li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom la darba kienu l-istess nuqqasijiet taghhom li gabuhom fis-sitwazzjoni prezenti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti dejjem kellhom licenzji mid-Dipartiment tal-Agrikoltura[1] u r-rikorrenti anke ezebew anke l-ahhar permessi tas-snin 2006 u 2007[2] u

[1] Ara xhieda ta' Dr. M.Vella a fol. 78.
[2] Ara dok. a fol. 73 u 74.

kkonfermaw li l-istess Dipartiment kien lest li jibqa' johrog dawn il-permessi.

Dwar l-estensjonijiet li saru fir-razzett mir-rikorrenti minghajr permess, il-Qorti tirrileva li dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra r-rikorrenti[3] li wasslu ghall-kawza odjerna. Il-kwistjoni tal-permess tas-sanita` kienet dwar id-distanza mill-abitat u kif jidher mir-ritratti[4] ezebiti dawn l-estensjonijiet ma kienux ser jaghmlu differenza billi r-razzett wahdu, minghajr estensjonijiet, kien diga` gie kwazi qed imiss mal-abitat.

Dwar il-permessi tas-sanita`, xehed Malcolm David Micallef, Health Inspector, u qal li m'ghandux *record* jekk ir-rikorrenti kellhomx permess tas-sanita`, jew jekk ir-rikorrenti talbux ghall-permessi sanitarji. Spjega pero` li jekk ma jkunx hemm bini fil-vicin ma jkunx hemm bzonn tal-permessi sanitarji[5]. Fil-fatt jirrizulta li fil-bidu r-razzett kien il-boghod mill-abitat u ghalhekk jidher li din kienet ir-raguni ghaliex ir-rikorrenti ma kellhomx permess sanitarju. Inoltre jirrizulta li meta faqqet l-African Swine Fever fl-1978, u lir-rikorrenti kienu qatlulhom 1,100 hanzir, il-Gvern kien ikkumpensahom u tahom majjali ohra, biex jergghu jarmaw ir-razzett. Il-post kien gie spezzjonat u nstab li kien sewwa u ma kienx hemm il-problemi li gew ravvizati wara li tela' l-bini.

Ir-rikorrenti xehdu li meta kienu joperaw mir-razzett ma' kienx hemm bini fid-dintorni, hlief xi razzett iehor. Kien wara li bdew jinhargu permessi ghall-bini u nholqot il-problema ghalihom. Vincent Chetcuti, Agricultural Foreman, xehed li l-problema tar-rikorrenti kienet bazikament li huma kellhom razzett u l-bini llum il-gurnata dahal fihom[6].

---

[3] Ivor Robinch, rapprezentant tal-MEPA xehed li l-passi li hadet il-MEPA kienu dwar l-estenzjoni li saret fir-razzett u li l-passi li hadu l-Pulizija ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-*enforcement notice* imma kienu dwar permessi sanitarji.

[4] Ara ritratti a fol. 99-116.

[5] Ara fol. 93.

[6] Ara fol. 53.

Fil-kaz in ezami mhux kontestat li ma kienx hemm esproprjazzjoni *de jure* tal-proprjeta` tar-rikorrenti. Lanqas, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidher li hemm kontroll tal-uzu tal-proprjeta` tar-rikorrenti, tant hu hekk li l-awtoritajiet stess mhux qed jaqblu bejniethom x'ghandu jsir mir-razzett, cioe` jekk ghandux jinghalaq u jinqatlu l-annimali jew inkella r-rikorrenti jinghataw post alternattiv. Meta l-Pulizija gew biex jenforzaw is-sentenza tal-Qorti sabu diffikulta` minhabba l-posizzjoni li hadu d-diversi dipartimenti. L-Ispettur A. Meruzzi xehed li dwar l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kien hemm diversi problemi minhabba li sabu nuqqas ta' ko-operazzjoni min-naha tas-servizzi veterinarji[7]. Vincent Chetcuti xehed li l-problema dwar ir-razzett ilha tezisti zmien twil u d-dipartiment ilu xi 30 sena jipprova jirranga din il-problema u dejjem jinqalghu problemi godda[8]. L-Ispettur A. Meruzzi xehed li d-diskussjonijiet, sa fejn jaf huwa, ma wasslu ghal ebda zvillup[9].

Jidher ghalhekk mill-provi prodotti li l-awtoritajiet mhux qed jaqblu bejniethom kif se jsolvu l-problema li nghalqet u x'ghandu jsir mir-razzett, jinghalaqx jew jintbghatx x'imkien iehor.

L-ewwel Qorti sabet li kien hemm esproprjazzjoni *de facto* tal-proprjeta` tar-rikorrenti. Illi skont Karen Reid, fil-ktieb taghha, *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*[10] *(3rd Edition):*

*"Generally, where ownership of the property remains or some form of exploitation, by way of sale or receipt of rents for example, the measure is not regarded as a de facto expropriation or deprivation of property within the meaning of the second sentence of the first paragraph of Art.1 of Protocol No.1 but an interference with the peaceful enjoyment of possessions within the meaning of the first sentence."*

---

[7] Ara fol. 82.
[8] Ara fol. 53.
[9] Ara fol. 83.
[10] Ara pagna 311.

Din hi l-posizzjoni li qed jabbraccjaw l-appellanti.

Kif iwissu l-awtorevoli Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights* (1995)[11]:

*"In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2"*

Hu risaput li l-Istat ghandu dritt, fl-interess pubbliku, jesproprja l-proprjeta` privata *de jure* jew *de facto* sakemm jaghti kumpens xieraq skont il-ligijiet tal-pajjiz. Ghandu wkoll id-dritt li jwettaq ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali. Izda jekk hu ma jaghzel la triq u lanqas ohra u bl-agir tieghu jiddisturba b'mod sostanzjali u gravi lill-individwu fit-tgawdija tal-possedimenti tieghu b'mod li jipprivah mit-tgawdija pacifika taghhom allura jkun qed jivvjola dan id-dritt fundamentali taht l-Artikolu 1 u jkun jehtieg li jirrimedja ghal tali vjolazzjoni. Dan, hu hekk anke jekk l-agir tal-Istat hu mmotivat mill-interess generali u ghal skop pubbliku (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Mintoff v. Onor.Prim Ministru et.** deciza 30 ta' April 1996).

Kif tkompli tghid Karen Reid fil-ktieb referit *supra*: *"Whatever the classification of the measure under Art.1 of Protocol No.1, the balancing exercise underlies the Court's examination".*

Fil-fatt il-Qorti Ewropeja taghmel enfasi li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll irid jinqara fl-ispirtu tal-ewwel paragrafu li jittutela d-dritt tal-proprjeta`. Anke fil-kazijiet ta' kontroll mehtieg fl-interess pubbliku, fejn l-Istat ghandu margini lat ta' diskrezzjoni, huwa fundamentali li jintlahaq bilanc bejn l-interessi generali tal-kommunita` u d-drittijiet fundamentali tal-individwu u b'mod li jkun hemm

[11] Ara pagna 528.

proporzjon ragjonevoli bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit, u li min ikun sofra l-ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tieghu ma jigix soggettat ghal sagrificju partikolari u eccessiv (Ara **Mintoff v. Onor.Prim Ministru et**. gia` citata).

Mhux kontestat li l-Istat ghandu dritt li jirregola l-proprjeta` skont l-interess generali li jinkludi kwistjonijiet ta' sahha pubblika bhal ma hu l-kaz odjern. Jirrizulta li l-ordni ta' zgumbrament harget a bazi tal-ligi – il-Kodici tal-Pulizija u r-regolamenti dwar id-distanzi li ghandhom jinzammu bejn l-irziezet u postijiet abitati[12] u b'sentenza tal-Qorti.

Il-Qorti trid tezamina wkoll jekk f'dan il-kaz inzamm bilanc xieraq bejn id-drittijiet tar-rikorrenti u l-interessi generali tal-kommunita`.
Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti ma ghamlu xejn li seta' gabhom f'pozizzjoni li jivvjolaw ir-regoli msemmija dwar distanza mill-abitat. L-awtoritajiet kellhom jaraw li meta jsir l-izvilupp fl-*area* ta' madwar ir-razzett, dan jsir konformement ma' dak li tirrikjedi s-sahha pubblika u li jaghtu kaz ukoll tal-attivitajiet agrikoli li ghaddejjin f'dawk l-akkwati. F'dan il-kaz ma kienx l-agir tar-rikorrenti li wassal ghall-ksur tar-regolamenti tad-distanza imma min ippermetta li jsir il-bini fl-*area* ta' madwar ir-razzett. Jekk, b'dan il-mod, giet krejata sitwazzjoni li tohloq problemi ta' sahha pubblika m'ghandhomx ikunu r-rikorrenti li jsofru l-konsegwenzi ta' dawn id-decizjonijiet.

Il-piz tad-decizjonijiet mehuda ma kienx ser jigi ssopportat mill-komunita` jew parti sostanzjali minnha, imma minn individwu jew individwi, li la gew kompensati u lanqas ma nghataw alternattiva ohra. Ir-rikorrenti se jkollhom jaghmlu tajjeb bil-proprjeta` privata taghhom ghal bzonnijiet tal-kommunita` li se tispicca tibbenefika a skapitu tar-rikorrenti. Minhabba f'hekk inholoq zbilanc ta' proporzjonalita` bejn l-interessi tas-socjeta` u dawk tar-rikorrenti li jammonta ghall-ksur tad-dritt fundamentali taghhom fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u r-rikorrenti se jbatu piz eccessiv billi se jigu disturbati u

[12] Ara fol. 44 sa 47 ghal L.N. 86/80 u L.N. 156/91

ddeprivati b'mod sostanzjali u gravi fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom.

L-interferenza m'hix ser tkun semplici limitatzzjoni jew kontroll tal-attivita` kummercjali tar-rikorrenti, imma tista' twassal ghat-terminazzjoni tal-mestier tar-rikorrenti billi jigu zgumbrati u r-razzett jigi rez bla valur u bla skop.

Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti ssib li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni

Fir-rigward tal-aggravju fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-appellanti jissottomettu li dan l-artikolu mhux applikabbili billi f'dan il-kaz ma kienx hemm tehid forzuz u wisq anqas xi esproprjazzjoni *de facto.* Ir-razzett ma ttehiedx mill-pussess tar-rikorrent u l-aktar li tista' tigi effettwata hija t-tmexxija tieghu u r-rikorrenti baqghu joperaw mir-razzett u jkabbru l-operat. Ghalhekk isostnu li ma kienx hemm lezjoni taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti ma qablux u jikkontendu li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika f'dan il-kaz. Il-proprjeta` ma hijiex biss l-oggett fiziku izda jinkludi wkoll id-drittijiet li jistghu jezistu fuq l-istess u persuna tista' ssofri *de facto* esproprju meta ghalkemm tibqa' zzomm il-pussess tal-proprjeta` taghha d-drittijiet fuq l-istess proprjeta` jigu menomata sal punt li ma tkunx tista' tigi gawduta.

L-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid testwalment li gej,

"Ebda proprieta' ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju w ebda nteress fi jew dritt fuq proprieta' ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbili ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist:

"(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq."

In vista tal-konkluzjoni ta’ din il-Qorti li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma jidhirx li hemm lok li jigi ndagat jekk inkisirx ukoll l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li dan l-artikolu hu mahsub ukoll biex jipprotegi l-individwu minn tehid sforzuz ta’ proprjeta` bla kumpens u ghalhekk jidher li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbili f’dan il-kaz. Jibqa’ l-fatt pero` li hekk vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll billi hemm lezjoni tal-istess dritt ta’ proprjeta` protett kemm fil-Konvenzjoni kif ukoll fil-Kostituzzjoni u li fi kwalunkwe kaz japplika l-istess rimedju fiz-zewg kazijiet.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fis-sens fuq indikat, bl-ispejjez relativi taz-zewg istanzi ghar-rikorrenti appellati.

Tilqa’ l-appell tal-appellanti l-ohra limitatament fis-sens li tiddikjara li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbili ghall-fattispecie tal-kaz u f’dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata u mill-bqija tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha u cioe` fejn sabet lezjoni a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u fejn ordnat li sakemm tinsab soluzzjoni ta’ post alternattiv adegwat ghar-rikorrenti jew li jinghataw kumpens xieraq, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma jkollhiex l-effett imsemmi ta’ penali u l-konsegwenzi l-ohra imsemmija f’dik is-sentenza.

Spejjez ghall-appellanti.

Deputat Registratur
LB

## Appendici

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali), Rikors Numru 46/05, fl-ismijiet **Carmelo Vella et. v. Kummissarju tal-Pulizija et.** deciza fit-23 ta' Marzu 2010, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Dok A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------